# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 11**

**Rikors numru 361/08 SM**

**John Muscat**

**v.**

**Camray Limited u Camray Marble Works Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li gie pprezentat fl-14 ta' April, 2008, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi fis-26 ta' Settembru 2005, ir-rikorrenti safa vittma ta' incident serju waqt li kien qieghed fil-fabbrika tal-intimati, liema incident hallietu b'dizabilita gravi u permanenti kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;
>
> "2. Illi fil-gurnata tal-incident l-esponent kien jiggestxxi negozju tal-irham u kien qieghed fil-fabbrika tal-intimati bl-iskop li jakkwista materjal

ghan-negozju tieghu.

“3. Illi l-irham ghall-bejgh kien espost fil-bitha tal-fabbrika tal-intimati u kienet il-prassi li min kien ried jixtri materjal kien jaghzel, jaqta u jghabbi huwa stess il-materjal mehtieg. Ghalhekk l-irham kien jitpogga mill-intimati folji kwazi weqfin, wahda fuq l-ohra, b’mod li min irid jakkwista l-materjal ikun jista’ facilment jaqta u jghabbi l-istess.

“4. Illi waqt li r-rikorrent kien qieghed jaghzel l-irham li kien jehtieglu l-folji iccaqalqu u waqghu fuqu b’mod li ghaffgulu saqajh u dan kif jirrizulta mir-rapporti tat-tobba hawn esibiti.

“5. Illi l-incident sehh peress li l-intimati ma kienux qieghdu l-irham skond is-sengha u l-arti u/jew ma kienux hadu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jevitaw l-incident in kwistjoni.

“6. Illi kagun tal-incident ir-rikorrent sofra disabilita permanenti ta’ mill-anqas hamsin fil-mija u dan kif ser jigi spjegat dettaljatament matul is-smigh tal-kawza;

“7. Illi inoltre, kagun tal-incident l-esponent soffra diversi Danni materjali oltre il-fatt li ma kellux triq ghajr li jieqaf min-negozju tieghu dan stante li d-disabilita li kellu.

“8. Illi nterpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni l-intimati baqghu inadempjenti;

“9. Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi din il-kawza billi:

“9.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-incident li sehh fil-fabbrika tal-intimati nhar is-26 ta’ Settembru 2005 u li fiha safa midrub m’mod gravi u permanenti r-rikorrenti John Muscat;

“9.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti John Muscat konsistenti f’danni materjali u f’lucrum cessans;

“9.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tad-danni reklamati bl-imghaxijiet mill-15 ta’ Mejju 2006, data li fiha ntbaghtet l-ewwel ittra ufficjali.

“9.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti inkluzi dawk relattivi ghall-interpellazzjonijiet ufficjali u bonarji li sehhew in konnessjoni mal-kaz.

2. Rat ir-risposta guramentata ta' Camray Limited tas-17 ta' Gunju, 2008 li permezz taghha gie eccepit:

"Illi l-attur ilu jahdem ghal rasu snin twal u sa l-fuq minn sena qabel ma gara l-incident kien ilu jixtri irham minn ghand id-ditta konvenuta.

"Illi l-attur hu midhla sewwa ta' dan ix-xoghol ghax dejjem hadem fih u l-prassi tax-xoghol kienet li hu jmur jigbor l-irham minn fejn ikun imqieghed, jghabbih u wara jmur ihallas ghal dak li jkun ha hu;

"Illi l-irham (anke f'dan il-kaz) ikun iserrah imxaqleb fuq genb jinghad illi l-irham ikun imxarrab u gieli aktar minn folja wahda bil-"vacuum" tehel mal-ohra;

"Illi jirrizulta li kien l-attur stess li kien negligenti u ma hax il-prekawzjonijiet necessarji biex wara li hu gia kien ha u qatta folja tal-irham wahda, hekk kif beda biex jiehu folja ohra, ftit mill-folji l-ohra inqalbu l-quddiem biex gara l-incident.

"Illi kien l-attur stess li hu bniedem tas-sengha li kien ried jiehu u jaqta' l-irham hu stess ghax hu kien ikun jaf il-qisien li fihom ikun irid il-folja maqsuma. Din hija il-prassi f'dan il-mestier.

"Illi mhuwiex minnu li l-konvenuti ma kinux qeghdu l-irham sewwa skond l-arti u s-sengha u mhuwiex minnu li huma naqsu li jiehdu xi prekawzjonijiet. B'hekk il-konvenuti ma kinux jahtu bl-ebda mod ghall-incident.

"Illi intant id-diretturi tad-ditta konvenuta gia ghaddew proceduri fil-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) Health & Safety Sitting u gew akkuzati talli (1) naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta` ta' persuni li setghu jigu affettwati bix-xoghol billi naqsu milli jiehdu passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku jew korriment u naqsu milli jiehdu mizuri biex jirriducu r-riskji u (2) talli naqsu milli jaghmlu evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol. B'sentenza datata 22 ta' Novembru 2007 per Magst. Anthony J. Vella d-diretturi konvenuti gew liberati ghax il-fatt attribwit lilhom ma kienx sehh u mhux fuq xi teknikalita`. **Dok 1** hija kopja tas-Sentenza.

"Illi intant minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra u ghal kull buon fini qed jigu annessi l-income tax returns tal-attur ghall-ahhar snin liema returns juru l-qligh tieghu. Dawn qed jigu markati bhala Dok 2 kif ukoll ir-rapport tal-Konsulent Ortopediku Charles Grixti li jindika li frott tal-akkadut l-attur sofra "permanent residual disability" ta' 18% - **Dok 3**. L-attur illum qed jircievi Pensjoni ta' Invalidita` li minghajr pregudizzju ghandha tigi meqjusa wkoll ghall-iskopijiet ta' din il-kawza.

"Illi ghal dawn il-motivi kollha u ghal dawk li jridu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni l-konvenuti jecepixxu :

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

"2. Illi it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni tas-sentejn.

"3. Illi l-konvenuti ma kellhom ebda responsabbilita` ghall-incident mertu ta' din il-kawza. Ma hemm ebda prova li titfa xi htija fuq il-konvenuti ghall-akkadut.

"4. Illi l-konvenuti ma wettqu ebda att jew omissjoni li tesponihom ghal xi forma ta' responsabbilita` legali.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra ghall-incident de quo kien jahti unikament jew b'mod kontributorju qawwi l-attur innifsu u b'hekk il-konvenuti ma ghandhom ebda responsabbilita` legali;

"6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet l-ohra l-attur qed jitlob kumpens hafna aktar milli jista' jisthoqqlu;

"7. Illi l-konvenuti gia gew liberati fil-Qorti tal-Magistrati mill-akkuzi dwar l-incident de quo. Illi intant id-diretturi tad-ditta konvenuta gia ghaddew proceduri fil-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) - Health & Safety Sitting - u gew akkuzati talli (1) naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta` ta' persuni li setghu jigu affettwati bix-xoghoi billi naqsu milli jiehdu passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku jew korriment u naqsu milli jiehdu mizuri biex jirriducu r-riskji u (2) talli naqsu milli jaghmlu evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol. B'sentenza datata 22 ta' Novembru 2007 per Magst. Anthony J. Vella d-diretturi konvenuti gew liberati ghax il-fatt attribwit lilhom ma kienx sehh u mhux fuq xi teknikalita`. - **Dok 1** hija kopja tas Sentenza."

3. Rat ir-risposta guramentata ta' Camray Marble Works Limited tas-17 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi Camray Marble Works Limited kif jirrizulta mill-anness **Dok**

**CMW 1** (Memo *&* Articles of Association) hija kumpanijna li giet furmata wara l-incident de quo u ma ghandha x'taqsam xejn ma' dan il-kaz. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Illi l-kumpless fejn gara l-incident la fattwalment u la legalment ma' jaqa' taht il-mansjoni tad-ditta eccippjenti u ghalhekk din id-ditta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"3. Illi d-ditta eccipjenti ma ghandha x'taqsam xejn mal-incident de quo u ghalhekk ma tista' qatt tkun hatja ta' xi nuqqas stante li mhijiex il-kumpanija li tmexxi l-operazzjonijiet fis-sit fejn gara l-incident.

"4. Illi intant l-eccippjent jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenut l-iehor - mutatis mutandis.

"5. Illi l-konvenuti gia gew liberati fil-Qorti tal-Magistrati mill-akkuzi dwar l-incident de quo. Illi intant id-diretturi tad-ditta konvenuta gia ghaddew proceduri fil-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) - Health & Safety Sitting - u gew akkuzati talli (1) naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta` ta' persuni li setghu jigu affettwati bix-xoghol billi naqsu milli jiehdu passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku jew korriment u naqsu milli jiehdu mizuri biex jirriducu r-riskji u (2) talli naqsu milli jaghmlu evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol. B'sentenza datata 22 ta' Novembru 2007 per Magst. Anthony J. Vella d-diretturi konvenuti gew liberati ghax il-fatt attribwit lilhom ma kienx sehh u mhux fuq xi teknikalita`. -- **Dok 1** hija kopja tas-Sentenza."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tas-socjetatjiet intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

"36.1. Tiddikjara li s-socjetajiet intimati *Camray Limited* u *Camray Marble Works Limited* huma t-tnejn responsabbli *in solidum* ghall-incident in dizamina li sehh fil-fabbrika tal-istess socjetajiet intimati nhar is-26 ta' Settembru, 2005, u li fiha safa midrub b'mod gravi u permanenti r-rikorrenti John Muscat;

"36.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' hames mija tlieta u ghoxrin elf, sebgha u tletin Ewro u seba` centezmi, (€523,037.07);

"36.3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati fuq indikati biex *in solidum* ihallsu d-danni likwidati fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq ukoll indikat, u dan, bl-imghaxijiet relattivi mill-15 ta' Mejju, 2006, kif minnu mitlub fir-rikors guramentat promotur;

"36.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess fuq imsemmija socjetajiet intimati *in solidum*, kif mitlub fl-istess rikors guramentat promotur."

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"21. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta li kien xhud wiehed biss u dan, okulari, certu David Falzon, li xehed fuq il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna ghalkemm indirettament tramite dikjarazzjoni mhux guramentata, u li *di piu`* ma' jirrizultax li kien suggett ghall-kontradittorju skont il-ligi;

"22.0. Illi minn din id-dikjarazzjoni jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 6);

"22.1. Illi dan ix-xhud kien jahdem mar-rikorrenti u kien ilu hekk ghal madwar tnax (12) –il sena;

"22.2. Illi x-xoghol ta' l-istess xhud kien ta' *cutter* ta' l-irham;

"22.3. Illi kien imur flimkien mar-rikorrenti ghand is-socjetajiet intimati biex jixtru u jigbru x-xoghol madwar tlieta (3) jew erbgha (4) darbiet fil-gimgha ghal perjodu ta' tlett (3) snin;

"22.4. Illi fil-gurnata ta' l-incident ix-xhud u r-rikorrenti kienu marru kmieni filghodu biex jixtru l-granit;

"22.5. Illi l-granit u l-irham mess ghad-disposizzjoni taghhom biex jinxtara kien:

"22.5.1. Ikun f'forma ta' folji;

"22.5.2. Dawn il-folji kienu jistriehu fuq struttura tal-hadid;

"22.6. Illi r-rikorrenti flimkien ma' l-impjegat *de quo* tieghu, kienu jkejlu l-folja ta' l-irham u jaqtghuha bic-*chaser*;

"22.7. Illi fil-gurnata ta' l-incident, il-folji kienu imserhin fuq struttura ta' l-injam u mhux tal-hadid;

"22.8. Illi meta r-rikorrenti u l-impjegat tieghu talbu ghal indikazzjoni fejn kien it-tip ta' granit li riedu huma, certu Twanny Camilleri qalilhom biex joqoghdu attenti ghaliex ix-xoghol ma kienx qieghed sew;

"22.9. Illi l-ewwel l-folja maghzula kienet debitament imkejla, imqattgha fi tlett (3) bicciet, u mghobbija fil-vann, li biex dawn il-bicciet jitghabbew facilament, kien vicin il-folji in kwistjoni;

"22.10. Illi sussegwentement, ir-rikorrenti mar ikejjel it-tieni folja;

"22.11. Illi proprju f'dan il-mument indikat fil-paragrafu precedenti, il-folji bdew jiccaqalqu;

"22.12. Illi kif ra` hekk l-imsemmi impjegat telaq jigri minn fuq il-post;

"22.13. Illi ghalkemm ir-rikorrenti wkoll ghamel dan it-tentattiv, pero` inqabad bejn il-granit li kien qieghed jaqa` u l-vann li kienu hadu fuq il-post;

"22.14. Illi fil-hin ta' l-incident ir-rikorrenti u l-imsemmi impjegat tieghu kienu wehedhom fuq il-post;

"22.15. Illi meta nstema l-incident, l-erbgha (4) min-nies indikati mill-istess xhud li kienu fl-ufficju hargu jaghtu l-ghajnuna taghhom;

"22.16. Illi ftit tal-mumenti wara wasslet l-ambulanza li rrikoverat lir-rikorrenti;

"22.17. Illi l-istess xhud ikompli jinsisti li f'dan il-mument l-istess persuna minnu qabel indikata, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin punt tmienja, (22.8.), aktar qabel), rega` rrepeta li x-xoghol ma' kienx qieghed sew;

"22.18. Illi rigward il-mod kif kien imqieghed l-irham fit-bitha in dizamina, li jghid li:

"22.18.1. L-irham kien fil-bitha poggut bhas-soltu;

"22.18.2. Illi l-metodu kif jittiehed l-irham kien dak li s-soltu kienu juzaw billi:

"22.18.2.i. Huma stess jaghzlu l-folja;

"22.18.2.ii. Huma stess ikejlu l-folja;

"22.18.2.iii. Huma stess jaqtghu l-folja;

"22.18.2.iv. Huma stess jghabbuha u jittrasportawha;

"Ikkunsidrat:

"23.0. Illi skont l-espert tekniku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"23.1. Illi r-rikorrenti kien jixtri l-irham minghand is-socjetajiet intimati, (ara foll 102), billi:

"23.1.1. Imur fil-proprjeta` tas-socjetajiet intimati;

"23.1.2. Jaghzel il-folji ta' l-irham li jkun jixtieq;

"23.2. Illi l-incident *de quo* sehh meta r-rikorrenti mar johrog it-tieni folja ta' l-irham;

"23.3. Illi meta mar jigbed din it-tieni folja irham, "gew il-folji kollha ghal fuqna", (ara foll 103);

"23.4. Illi l-folji ta' l-irham:

"23.4.1. Jigu stivati wicc ma wicc biex ma jinbarxux, (ara foll 103);

"23.4.2. Kienu impoggija jistriehu angolati mall-hajt fuq seratizzi tal-injam, (ara foll 103);

"23.5. Illi l-angolatura tal-folji tal-irham impoggija kif indikat fil-paragrafu precedenti kienet ta' madwar hames (5) gradi, (ara foll 105);

"23.6. Illi l-irham *de quo* kien mahzun fil-berah;

"23.7. Illi dak inhar ta' l-incident " ... ghamlet hafna xita", (ara foll 105);

"23.8. Illi skont l-istess espert tekniku *de quo* kagun ta' dan giet iffurmata *"surface tension"* kbira bejn l-ucuh illustrati ta' l-irham;

"23.9. Illi rizultat ta' l-istess tensjoni:

" ... meta r-rikorrenti gibed folja, fil-fatt gibed aktar minn folja wahda ghax kienu imwahhlin flimkien ... zbilancjaw il-folji l-ohra", (ara foll 105);

"23.10. Illi finalment l-istess espert tekniku jikkonkludi li:

" ... dan ix-xoghol ta' folji ta' l-irham ghandu jigi stivat fuq angoli tal-hadid appoziti, bi gradi t'angolatura sufficjenti, fi spazju

maghluq jew imsaqqaf u mhux fil-berah, espost ghax-xita", (ara foll 105);

"Ikkunsidrat:

"24.0. Illi skont ir-relazzjoni u t-twegibiet in eskussjoni tal-periti teknici addizzjonali *de quo*, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"24.1. Illi l-angolatura ta' hames (5) gradi ghall-irham in dizamina hi sufficjenti biex lastri ta' l-irham izommu weqfin, (ara foll 164);

"24.2. Illi hu pacifiku li l-folji tal-irham in dizamina kienu mizmuma barra u esposti ghall-elementi, (ara foll 164);

"24.3. Illi dan il-metodu ta' stivar ta' l-irham indikat fil-paragrafu precedenti hu wiehed normali – kemm f'Malta kif ukoll barra, (ara foll 164);

"24.4. Illi hu impossibli li forrnituri kbar jahznu dawn il-lastri ta' l-irham fuq gewwa, (ara foll 164);

"24.5. Illi s-*"surface tension"* riferita fl-ewwel rapport tekniku, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin punt tmienja, (23.8), u foll 105), normalment jissejjah *"surface cohesion"*;

"24.6. Illi l-fatti riskontrati rigwardanti l-irham sehhew ghaliex il-lastri tpoggew wicc illustrat ma' wicc illustrat, (ara foll 164);

"24.7. Illi meta l-irham jitqieghed b'dan il-mod "... bilfors joholqu *cohesion*, kemm jekk ikunu barra, kif ukoll jekk ikunu gewwa", (ara foll 164);

"24.8. Illi ghalhekk jirrespingu l-konkluzjoni precedenti tal-espert tekniku in dizamina li l-irham ingibed ghaliex il-lasti kienu stivati barra, (ara foll 164);

"24.9. Illi ghalhekk jikkonkludu:

"24.9.1. Illi *"surface cohesion"* giet ikkreata billi l-lastri ta' l-irham gew stivati wicc illustrat, ma' wicc illustrat, (ara foll 165);

"24.9.2. Illi dan il-fattur kien l-uniku wiehed li kkawza l-incident in dizamina, (ara foll 165);

"24.10. Illi responsabbilita` ghall-incident taqa` fuq is-socjetajiet intimati, (ara foll 165);

"Ikkunsidrat:

“25. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li a bazi tal-konoxxenza teknika ta’ periti addizzjonali, tistrieh fuq il-konkluzjonijiet taghhom u taghmilhom taghha;

“26.0. Illi tenut kont li gie stabbilit li:

“26.1. Illi l-incident *de quo* sehh ghaliex il-lastri involuti kienu stivati wicc ma’ wicc, u

“26.2. Illi dan l-istivar sar mis-socjetatjiet intimati jew minn terzi f’isimhom;

“27. Illi s-socjetajiet intimati huma responsabbli ghall-incident in dizamina fuq gia` riferit;

“Ikkunsidrat:

“28. Illi superata l-kwistjoni tar-responsabbilita` hu issa ghaqli li jkun indirizzat l-aspett mediku riskontrat rizultat ta’ l-istess incident;

“29.0. Illi skont l-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“29.1. Illi meta r-rikorrenti kien ezaminat instab li kien qed ibati minn diversi lmenti, senjatament:

“29.1.1. Ghebbusija fl-ghakiesi taz-zewg (2) saqajn;

“29.1.2. Ugiegh fl-ghaksa, l-gharqub u l-pala taz-zewg (2) saqajn;

“29.1.3. Ma kienx jiflah jimxi ghal aktar minn ghaxar (10) minuti;

“29.1.4. Kien juza bastun biex jimxi;

“29.1.5. Ma kienx kapaci jimxi hafi;

“29.1.6. Ma kienx kapaci jitla` jew jinzel it-tarag;

“29.1.7. Ma kienx kapaci jimxi fl-imharbat;

“29.1.8. Kellu l-gharqub u l-pala taz-zewg (2) saqajn inemmnu;

“29.1.9. Meta jimxi kienet tugaw l-irkoppa l-leminija;

“29.1.10. Ma’ setghax jerfa`;

“29.1.11. Ma’ kienx jiflah isuq distanzi twal;

"29.1.12. Wara l-incident ma' rnexxilux jerga jibda x-xoghol;

"29.1.13. Ma kienx ghadu kapaci jsuq il-*"karts"* li kien delizzju tieghu;

"30.0. Illi minn ezami mediku kondott fuq ir-rikorrenti l-istess espert mediku kkonstata s-segwenti:

"30.1. Illi rizultat ta' l-incident in dizamina r-rikorrenti garrab feriti ta' natura serja hafna, (ara foll 220);

"30.2. Illi fil-fatt rizultat ta' l-istess kiser it-tibia, l-gharqub u l-pala tas-sieq tal-lemin;

"30.3. Illi kagun ta' dan ir-rikorrenti kellu s-segwenti problemi: (ara foll 220);

"30.3.1. Artrite fl-irkoppa tax-xellug;

"30.3.2. Diformita:

"30.3.2.i. Fil-qasba tas-sieq ix-xellugija;

"30.3.2.ii. Fl-gharqub tax-xellug u tal-lemin;

"30.3.3. Ghebbusija fl-ghekiesi u fil-gog subtalari kemm tax-xellug u tal-lemin;

"30.3.4. Ankilosi tal-gog subtalari tas-sieq tax-xellug;

"30.3.5. Possibilment infezzjoni kronika fl-ghadma tal-gharqub tax-xellug;

"30.4. Illi tenut kont tar-rizultanzi fuq sintetikament elenkati, l-istess espert mediku, wara li evalwa l-imsemmija rizultanzi, wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"30.4.1. Illi r-rikorrenti kien qed isofri dizabilita` ta' erbghin fil-mija, (40%);

"30.4.2. Illi din il-konkluzjoni wasal ghaliha wara li kkonsulta:

"30.4.2.i. Emendi fil-ligi dwar id-danni civili, (2010);

"30.4.2.ii. *"Guides to the Evaluation of Permanent Impairment"* ippubblikat mill-*"American Medical Association"*;

"Ikkunsidrat:

"31.0. Illi skont ir-relazzjoni ta' l-esperti medici addizzjonali espressament mahtura ghall-ghanijiet hemm indikati, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"31.1. Illi kagun ta' l-incident in dizamina r-rikorrenti sofra s-segwenti:

"31.1.1. Kollas tal-pulmun tax-xellug;

"31.1.2. Ksur ta' kustilja fin-naha tax-xellug tas-sider;

"31.1.3. Ksur serju u mfarrak fil-qasba tas-sieq il-leminija;

"31.1.4. Ksur tal-gharqub il-lemin u ksur imfarrak f'dak xellugi;

"31.1.5. Ksur imfarrak tal-ghaksa x-xellugija;

"31.1.6. Ksur fil-metatarsi taz-zewg (2) paliet tas-saqajn;

"31.2. Illi ghalhekk il-kura indikata kellha diversi aspetti kif indikata mill-istess esperti addizzjonali, (ara foll 241), u hadet il-perjodu hemm indikat, (ara foll 241 sa 248);

"31.3. Illi rizultat ta' l-istess incident, ir-rikorrenti:

"31.3.1. Garrab hsara kbira fiz-zewg (2) riglejn – mill-irkoppa l-isfel, (ara foll 248);

"31.3.2. Kellu bzonn jaghmel hafna operazzjonijiet qabel ma seta` jimxi, (ara foll 248);

"31.3.3. Ma jimxix normali u ghandu bzonn l-uzu ta' bastun;

"31.3.4. La jista` jimxi jew isuq fit-tul, (ara foll 248);

"31.3.5. Ma jistax joqghod bilwieqfa fit-tul, (ara foll 248);

"31.3.6. Ibati jimxi fuq l-imharbat u fuq wicc inklinat;

"31.3.7. Jista` jkollu bzonn aktar operazzjonijiet, (ara foll 248);

"31.3.8. Peress li ghad ghandu feriti miftuhin, ghad hemm il-periklu t'infezzjoni, (ara foll 248);

"31.3.9. Wara l-incident in dizamina, r-rikorrenti qatt ma seta` jahdem aktar, (ara foll 248);

"31.3.10. Illi hajjet ir-rikorrenti inbidlet b'mod drastiku;

"31.4. Illi tenut kont tar-rizultanzi fuq sintetikament elenkati, l-istess esperti medici addizzjonali kkonkludew li r-rikorrenti qed isofri dizabilita` permanenti ta' hamsa u erbghin fil-mija, (45%), (ara foll 248);

"Ikkunsidrat:

"32. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li a bazi tal-kumulu tal-konoxxenza medika tal-esperti medici addizzjonali fuq riferiti, tistrieh fuq il-konkluzjoni taghhom u taghmilhom taghha;

"33. Illi ghalhekk, a bazi ta' l-istess tiddikjara li id-dizabilita` permanenti sofferta mir-rikorrenti John Muscat rizultat ta' l-incident in dizamina hi ta' hamsa u erbghin fil-mija (45%);

"Ikkunsidrat:

"34.0. Illi rizultat tad-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti datata t-2 ta' Lulju, 2012, rigwardanti id-danni komplessivi u t-telf finanzjarju soffert minnu minhabba l-incident *de quo*, jigi sintetikament elenkat is-segwenti: (ara foll 184)

"34.1. Illi rizultat ta' l-incident in dizamina ma jistax jahdem aktar il-professjoni tieghu li jqieghed l-irham, il-madum u xoghol iehor simili;

"34.2. Illi sofra ksur estensiv f'saqagh u minhabba f'hekk:

"34.2.1. La jista` jerfa pizijiet, u

"34.2.2. Lanqas jista` joqghod fuq irkubtejh;

"34.3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghax jezercita aktar il-professjoni tieghu u per konsegwenza ma setghax ikompli jaffettwa l-pagamenti minnu dovuti;

"34.4. Illi konsegwenza ta' dan, l-obbligi li r-rikorrenti kien precedentement assuma mall-Bank of Valletta u ma' terzi, ma setghux jigu saldati minnu kif programmat;

"34.5. Illi ghalhekk ukoll, kien rinfaccjat bi proceduri legali biex jigi assigurat li r-rikorrenti jzomm l-impenji minnu assunti, (ara foll 202, 203 *et sequitur* u foll 209);

"34.6. Illi effettivament f'dan ir-rigward ir-rikorrenti qieghed jiffaccja s-segwenti:

"34.6.1. Sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2008, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. John u Catherine mizzewgin Muscat, fejn l-intimati hawn indikati gew kanonizzati debituri ta' l-imsemmi bank fl-ammont ta' mitejn u dsatax -il elf, mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu, (€219,133.67), oltre l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess ammont, (ara foll 202 u 203 *et sequitur*);

"34.6.2. Zewg (2) talbiet specifici senjatament:

"34.6.2.i. Ittra ufficjali datata t-28 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha is-socjeta` J & J Gauci Granite Limited qed titlob is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, hames mija u tmintax -il Ewro u hames centezmi, (€122,518.05) (ara foll 209).

"34.7. Illi rigward it-telf ta' qliegh sofferti mir-rikorrenti, qed tistrieh fuq l-ammont ta' mija u tmienja u erbghin elf, hames mija u sebgha u disghin Ewro, (€148,597.00), kif mahduma mill-abbli rapprezentant legali tar-rikkorenti (ara foll 263);

"Ikkunsidrat:

"35.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova s-segwenti:

"35.1. Illi r-responsabbilita` ta' l-incident in dizamina hi addebitata esklussivament lis-socjetajiet intimati, (ara paragrafi numru hamsa u ghoxrin, (25.), sa' sebgha u ghoxrin, (27.), aktar qabel, u foll 165);

"35.2. Illi rizultat ta' l-istess incident ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ingenti kif fuq indikat, ammontanti ghal hamsa u erbghin fil-mija, (45%), (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel, u foll 248)

"35.3. Illi l-ammont ta' danni kwantifikati bhala *lucrum cessans* kif rikjamat mir-rikorrenti jammonta komplessivament ghal mija u tmienja u erghin elf, hames mija u seba` u disghin Ewro, (€148,597.00), (ara foll 263);

"35.4. Illi l-ammont ta' danni kwantifikati bhala *damnun emergens* kif rikjamat mir-rikorrenti jammonta komplessivament ghal tlett mija u erba` u sebghin elf, erba` mija u erbghin Ewro u seba` centezmu, (€374,440.07), (ara foll 202, 203 *et sequitur,* 209 u 210);

"35.5. Illi ghalhekk, l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mir-rikorrenti kagun ta' l-akkadut jammonta ghal hames mija u tlieta u ghoxrin elf, u sebgha u tletin Ewro, u seba` centezmi, (€523,037.07), kif fuq espost;"

6. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetajiet konvenuti Camray Company Limited u Camray Marble Works Limited, li permezz tieghu, filwaqt li ghamlu referenza ghall-atti u ghall-provi prodotti fil-kawza, talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet premessi tal-10 ta' Marzu, 2015, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet kollha li jirrizultaw mir-risposti guramentati taghhom u tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanti maghmula fl-appell u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li jidhrilha xierqa. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

7. Rat li l-attur appellat, ghalkemm debitament notifikat, ma ressaq ebda risposta ghall-appell intavolat mis-socjetajiet appellanti.

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

10. Illi dan il-kaz jitratta incident li sehh fil-fabbrika tas-socjetajiet konvenuti, meta waqt li l-attur kien qieghed jakkwista materjal minghandhom, billi jaghzel u jaqta' l-irham li kien jehtieg, iccaqalqu l-folji, waqghu fuqu u ghaffgulu saqajh, bil-konsegwenza li garrab griehi serji,

tant li sofra debilità permanenti. L-attur jikkontendi li, l-incident sehh kawza tal-fatt li l-folji tal-irham ma kinux tqeghdu skont kif titlob is-sengha u l-arti u/jew li l-konvenuti ma kinux hadu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigi evitat l-incident in kwistjoni. Kwindi jitlob dikjarazzjoni ta' responsabbiltà ghall-incident li sehh, kif ukoll likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni konsistenti kemm f'danni materjali, kif ukoll *lucrum cessans.*

11. Is-socjetà konvenuta Camray Limited, da parti taghha teccepixxi li, l-attur ilu ghal snin twal jahdem ghal rasu u kien imur jixtri l-irham minghandha. Tikkontendi li l-incident sehh peress li l-attur kien negligenti u ma hax il-prekawzjonijiet necessarji. Tichad li kienet b'xi mod responsabbli ghal dak li sehh u li d-diretturi kienu lliberati mill-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali). Kwindi ssostni li m'ghandha ebda responsabbilità legali ghall-incident, li kien jahti ghalih l-attur jew b'mod kontributorju qawwi, l-attur innifsu. Mentri s-socjetà Camray Marble Works Limited ssostni li ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li hija giet iffurmata wara l-incident in kwistjoni u m'ghandha x'taqsam xejn mal-incident li sehh f'kumpless li la fattwalment u lanqas legalment ma jaqa' fil-mansjoni taghha, filwaqt li taghmel taghha wkoll l-eccezzjonijiet moghtija mis-socjetà konvenuta l-ohra.

12. Permezz tas-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, laqghet it-talbiet tal-attur peress li rriteniet li dan ipprova l-kaz tieghu u filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, ddikjarathom responsabbli *in solidum* ghall-incident in kwistjoni li sehh fil-fabbrika taghhom, illikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €523,037.07 u kkundannat lis-socjetajiet konvenuti jhallsu *in solidum* id-danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet relattivi jiddekorru mill-15 ta' Mejju, 2006, kif mitlub mill-attur u bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet konvenuti *in solidum* bejniethom.

13. Is-socjetajiet konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-appell taghhom jissejjes fuq sitt aggravji: (i) Id-Ditta Camray Marble Works Limited ma kellha x'taqsam xejn mal-kaz; (ii) Ir-Responsabbiltà *in solidum;* (iii) ir-Responsabbilità; (iv) id-Danni; (v) l-Interessi u (vi) l-Ispejjez.

14. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti taghti ragun lill-appellanti fir-rigward tal-ewwel aggravju sa fejn jinghad minnhom li, ghalkemm is-socjetà Camray Marbles Works Limited eccepiet li hija ghandha tigi lliberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju, l-ewwel Qorti naqset milli effettivament titratta din l-eccezzjoni, ghalkemm fid-decide jinghad li cahdet l-eccezzjonijiet kollha. Madankollu, ghalkemm is-socjetà konvenuta Camray Marble Works Limited issostni fl-ewwel eccezzjoni

taghha li giet iffurmata wara li sehh l-incident u li ma kellha x'taqsam xejn, minn ezami tal-provi in atti jirrizulta mod iehor. Din is-socjetà effettivament giet registrata fit-22 ta' Ottubru, 1991 u li din is-socjetà li precedentement kien jisimha Camray Terrazzo Tiles Limited, bidlet isimha f'Camray Marble Works Limited permezz ta' rizoluzzjoni li ttiehdet fil-11 ta' Awwissu, 2005, u giet ipprezentata fir-Registru tal-Kumpanniji fid-19 ta' Awwissu, 2005. Dan il-fattur fih innifsu jimmilita kontra l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjetà konvenuta, peress li l-bidla fl-isem tal-kumpannija ma gabet l-ebda bidla fil-persuna jew fil-personalità guridika taghha. Hekk ukoll l-incident li dwaru jilmenta l-attur sehh fis-26 ta' Settembru, 2005, kwindi wara li sehhet il-bidla fl-isem tal-kumpannija konvenuta li tat din l-eccezzjoni preliminari.

15. Inoltre jirrizulta li, l-incident sehh fil-Qasam Industrijali ta' Kordin fil-fabbrika KW4, li mill-atti jirrizulta li huwa l-ufficcju registrat kemm tal-kumpannija Camray Marble Works Limited, kif ukoll tas-socjetà konvenuta l-ohra Camray Company Limited, li hija l-azzjonista wahdanija ta' Camray Marble Works Limited. Ghalkemm dawn iz-zewg kumpanniji huma vestiti b'personalità guridika distinta, mill-provi in atti ma jirrizultax daqstant car min minn dawn iz-zewg kumpanniji kien jiggestixxi l-bejgh tal-irham jew min minnhom kien jiggestixxi s-sit fejn sehh l-incident. Tajjeb jinghad ukoll li mix-xhieda moghtija mid-dirigenti tal-imsemmija kumpanniji ma ssir ebda referenza ghal din il-materja. Kwindi ghalkemm

kien jinkombi fuq l-attur li jipprova l-kaz imressaq minnu fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti, materja li ser tigi nvestita taht it-tielet aggravju, daqstant iehor kien jinkombi fuq is-socjetà konvenuta tressaq provi in sostenn tal-eccezzjoni mressqa minnha. Fin-nuqqas ta' prova cara, din il-Qorti ma ssibx raguni valida sabiex tillibera lis-socjetà Camray Marble Works Limited mill-osservanza tal-gudizzju.

16. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju dwar ir-responsabbilità *in solidum* taz-zewg socjetajiet konvenuti, li jikkontendu li ladarba l-azzjoni attrici titratta danni stabbiliti f'tort, ma jista' jkun hemm ebda responsabbilità ta' zewg konvenuti *in solidum* jekk ma jkunx hemm intenzjoni komuni f'reat maghmul b'intenzjoni. Jinsistu li f'dan il-kaz ma giex ippruvat liema miz-zewg kumpanniji setghet tahti li kieku kien hemm xi forma ta' tort, jew f'kaz li kien hemm tort da parti taz-zewg kumpanniji, liema kien il-percentwal ta' tort ta' kull kumpannija.

17. Ghandu jinghad li, minkejja li dan l-aggravju qieghed jigi trattat qabel dak dwar ir-responsabbilita`, li ser jigi trattat minnufih wara dan l-aggravju, din il-Qorti ghazlet li titratta dan l-aggravju l-ewwel, peress li ma taqbilx mal-argument mressaq mis-socjetajiet konvenuti appellanti. Dan jinghad peress li f'dawk il-kazijiet fejn huwa difficli jigi stabbilit liema kienu d-danni attribwibbli lill-konvenuti differenti f'kawza mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna ddecidew li z-zewg konvenuti kellhom ikunu ritenuti

responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas skont il-provvediment tal-Artikolu 1050 (1) tal-Kodici Civili (Kpa. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li fih jinghad hekk:

> *"Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista` tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn."*

18. Dan l-artikolu tal-ligi kien proprju gie ezaminat f'kawza ohra ta' danni fis-sentenza li tat din il-Qorti (Sede Inferjuri) fid-9 ta` Frar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mifsud v. Sparkasse Bank Malta p.l.c. et** fejn inghad:

> *"Fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova li d-danni kagunati lilu kienu konsegwenza ta` negligenza ta` xi wiehed miz-zewg konvenuti jew tat-tnejn f`daqqa izda dawn tal-ahhar ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement li l-hsara kienet giet kawzata minhabba n-negligenza ta` wiehed minnhom u mhux tal-iehor. F`dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li ghandu japplika l-Artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta …*
>
> *"Fic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jigu dikjarati solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b`riserva ghal kwalsisasi dritt spettanti lilhom fil-konfronti ta` xulxin …*
>
> *"Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li kien vizzjat ir-ragonament tat-Tribunal fejn dan irrikorra ghad-dispost ta` l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. B` osservazzjoni generali jrid jinghad li dan id-dispost hu ntiz b` referenza ghall-ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun il-konsegwenza ta` diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru ghall-produzzjoni tad-dannu. Jidher li l-iskop fondamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsahhah il-garanzija tad-danneggjat billi takkordalu l-fakolta li jazzjoni lil kull wiehed mis-suggetti responsabbli minghajr il-htiega li jippersegwixxi lil kull wiehed ghal kwota tieghu tal-htija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-kaz li l-ko-awturi tad-dannu jwiegbu skond titoli diversi u, certament, imbaghad, fil-kaz li ma jkunx jista` jigi accertat, bhal f` dan il-kaz, min ikun effettivament ta lok ghad-*

> *dannu. Jikkonsegwi illi ghall-fini tar-responsabilita` solidali l-unicita` tal-fatt dannuz hi relattiva unikament ghad-danneggjat u din il-forma ta` responsabilita` ssehh, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilita` li tirrikonoxxi f` liema mizura kull wiehed mill-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz". (Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518). Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal f` dan il-kaz ghamel sewwa li adotta din ir-regola."*

19. Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, l-azzjoni attrici hija wkoll wahda ta' danni, msejsa fuq il-principju ta' *culpa akwiljana* fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti. Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "**Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti**" fl-Artikoli 1029 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (artikolu 1031) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi (Artikolu 1033). F'dan l-ahhar kaz, jinghad ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li jimporta li:

> "*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*" (**Giorgi - Obbligazioni** Vol V pag 151).

Kwindi, jekk kemm-il darba l-attur appellat jirnexxilu jipprova li s-socjetajiet konvenuti kienu responsabbli ghall-akkadut kawza ta' negligenza, mprudenza jew nuqqas ta' osservanza ta' dmir impost bil-ligi, minghajr ma jigi stabbilit il-kwota rispettiva ta' responsabbiltà, ma jkun

hemm ebda nuqqas fis-sentenza li tkun sabet li z-zewg socjetajiet jinzammu responsabbli *in solidum* ghall-akkadut. Kif inghad qabel, mill-provi in atti ma jirrizultax daqstant car min minn dawn iz-zewg kumpanniji kien jiggestixxi l-bejgh tal-irham jew min minnhom kien jiggestixxi s-sit fejn sehh l-incident. Isegwi li t-tieni aggravju lanqas ma jimmerita li jintlaqa' salv li ghad trid tigi ezaminata l-kwistjoni ta' responsabbilità ghall-incident.

20. Imiss jigi trattat it-tielet aggravju, dak dwar ir-responsabbilità ghall-incident, fejn il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni zbaljata tal-fatti u li huma m'ghandhom ebda htija ghall-incident. Huma jikkontendu li l-ewwel Qorti ma ratx sewwa l-process u x-xhieda moghtija, meta b'referenza ghax-xhieda ta' David Falzon jinghad li d-dikjarazzjoni tieghu mhix guramentata u li ma kienx suggett ghal kontradittorju, mentri x-xhud xehed quddiem il-perit Mario Cassar kemm in ezami, kif ukoll gie kontro-ezaminat. Ghalhekk jishqu li l-ewwel Qorti qatt ma setghet taghmel analizi korretta, ladarba ma qisetx din ix-xhieda li kienet wahda importanti. Is-socjetajiet konvenuti jargumentaw li ebda wiehed miz-zewg rapporti peritali ma sab htija fil-konvenuti minkejja li fin-nota tal-attur u fis-sentenza appellata jinghad mod iehor. Jargumentaw li f'dan il-kaz ma saritx il-prova rikjesta sabiex il-konvenuti jerfghu l-htija ta' dan l-incident, jew li fuq bilanc ta' probabbilità kien hemm xi negligenza da parti taghhom li wassal ghall-incident. Hekk ukoll jinghad minnhom li

l-attur mhux impjegat tas-socjetajiet konvenuti u peress li kellu esperjenza, ma jistax jinghad li kienu negligenti ghaliex hallew lill-attur wahdu. Dan meta jinghad minnhom li l-esperti addizzjonali jiskulpawhom u li sahansitra kienu liberati mill-akkuzi kriminali. Jargumentaw li huwa evidenti li l-ewwel Qorti ma ratx sew il-process u x-xhieda moghtija, peress li jikkontendu li kienet in-negligenza tal-attur wahdu jew tal-inqas b'mod kontributorju li kkawza l-incident.

21. Dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti ghandu mis-sewwa meta jinghad minnhom li l-ewwel Qorti ma qisetx sew il-provi in atti, peress li tabilhaqq l-ewwel Qorti zbaljat meta qalet li kien xhud wiehed biss li xehed tramite dikjarazzjoni mhux guramentata u li ma kienx suggett ghall-kontradittorju skont il-ligi. Dan meta minn ezami tal-inkartament formanti parti mir-rapport peritali jirrizulta li, apparti li xehdu diversi persuni ohra, filwaqt li David Falzon ikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni tieghu, sarlu wkoll kontro-ezami. Ladarba jirrizulta dan in-nuqqas tal-ewwel Qorti, jitqies opportun li jigu ezaminati mill-gdid il-provi in atti.

22. Kif mistennni f'kawzi simili, filwaqt li l-attur jikkontendi li l-konvenuti ma kinux qeghdu l-folji tal-irham skont is-sengha u l-arti, u/jew ma kinux hadu l-prekawzjonijiet mehtiega, is-socjetajiet konvenuti jikkontendu li kien l-attur li kien negligenti u li ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jevita li jsehh dak li gara. Jigi pprecizat fir-rigward tax-xhieda ta' Falzon,

li jinghad minnu li l-folji tal-irham kienu jserrhu **fuq** serratizzi tal-injam u jistriehu mal-hajt u li kienu kemmxejn immejlin. Dan il-fatt hu evidenzjat ukoll mir-ritratt mehud mill-perit Mario Cassar a fol. 107 tal-process fejn jirrizulta car li l-irham kien iserrah fuq serratizz tal-injam (u mhux li kellu xi serratizz tal-injam li jzomm l-irham kif jinghad mill-appellanti).

23. In kwantu ghar-rapporti peritali jigi nnutat li, fl-ewwel rapport, il-perit Mario Cassar ikkonkluda li: (a) l-angolatura tal-folji tal-irham meta mahzuna fuq serratizzi tal-injam kienet ta' madwar 5 gradi mal-vertikal; (b) il-folji tal-irham kienu mahzuna fuq barra u dakinhar tal-incident ghamlet hafna xita, kwindi seta' dahal l-ilma bejn il-folji li holoq forza ta' *surface tension* sabiex meta l-attur gibed folja wahda, zbilancjaw il-folji l-ohra peress li kienu mwahhlin; u (c) fil-fehma tieghu dan ix-xoghol ta' folji tal-irham ghandu jigi stivat fuq angoli tal-hadid appoziti bi gradi ta' angolatura sufficjenti fi spazju maghluq jew imsaqqaf u mhux fil-berah espost ghax-xita. Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn dan l-ahhar punt huwa al kwantu ovvju li l-ewwel perit, f'dan il-kaz kien qieghed jixhet ir-responsabbilità ghall-akkadut fuq is-socjetajiet konvenuti.

24. Filwaqt li l-periti addizzjonali kkonkludew li (i) fil-fehma taghhom l-angolatura ta' hames gradi huwa sufficjenti biex il-lastri tal-irham izommu weqfin; (ii) l-fatt li l-lastri tal-irham ikunu fuq barra esposti ghall-elementi, hija prattika normali kemm f'Malta, kif ukoll barra; (iii) s-*surface tension*

imsemmija mill-ewwel perit hija fil-fatt *surface cohesion,* li ssehh peress li l-lastri tqeghdu wicc illustrat ma' wicc illustrat iehor, kemm jekk ikunu barra kif ukoll jekk ikunu gewwa, kwindi l-periti ma qablux mal-konkluzjoni tal-ewwel perit, li ngibed kollox minhabba l-fatt li l-lastri kienu stivati barra; (iv) gialadarba skont il-periti addizzjonali, l-angolatura kienet wahda sodisfacenti u l-fatt li l-lastri kienu barra ma kienx jaffettwa l-mekkanizmu ta' kif sehh l-incident, ir-raguni moghtija minnhom ghall-akkadut kienet li s-*surface cohesion* giet ikkrejata billi l-lastri gew stivati wicc illustrat ma' wicc illustrat; (v) jinnutaw ukoll li ma kienx l-attur li stiva l-istess lastri, izda kienet is-socjetà konvenuta. Dan ir-rapport fih innifsu ma jixhet ebda responsabbilità ghall-akkadut.

25. Mill-aktar relevanti hija l-eskussjoni tal-periti addizzjonali, fejn filwaqt li fil-bidu jixhdu li l-incident li gara lill-attur kien wiehed sfortunat jew fortuwitu u li fil-fehma taghhom ma kienx hemm htija kontributorja da parti tas-socjetajiet konvenuti ghall-akkadut, izda mistoqsija ulterjorment dwar id-dinamika tal-incident huma jghidu hekk:

> "*gialadarba inti ghandek l-ewwel zewg folji li mxew, jigi kkrejat lever, fulcrum anzi fulcrum fuq in-naha ta' isfel, u allura gialadarba qed jigi kkawzat fulcrum fuq in-naha ta' isfel, inti ghandek counter force, ghandek lever li qed jinholoq bejn dak il-fulcrum u n-naha ta' fuq tal-folji rimanenti. Dak jista' jkun bizzejjed, issa naturalment ahna ma konniex hemm, però dak jista' jkun bizzejjed biex jikkreja counter balance u allura jirrizulta fil-moviment li qeghdin nitkellmu dwaru.* ***Mistoqsijin ghalhekk una volta, dan li ghadu kif gie spjegat illi hija haga normali li jigri hekk, jekk kienx hemm safeguards adegwati biex dan ma jigrix, …l-incident propju juri li, ma kienx hemm safeguard ghal dan proprju, ghal dan il-fenominu proprju…filwaqt li naffermaw dak li ktibna ghaliex huwa naturali illi wiehed,***

> ***gialadarba tigi stabbilita l-angle of repose u allura jekk wiehed, … ghal grazzja tal-argument, jekk l-ewwel zewg folji wiehed addiritura jcaqlaqhom bil-mod, allura jekk inti ser icaqlaqhom bil-mod, mhux ser ikollok, mhux ser jigi kkrejat dak il-fulcrum isfel…Però kieku wiehed kellu allura limitatament, jghid 'isma imma l-mudell kif inhu, jahseb bizzejjed biex jilqa' ghal fulcrum illi jista' jigi kkrejat hemm isfel?' Ir-risposta nahseb li hija le, il-mudell kif inhu, jigifieri kif kienu stivati, ma tilqax ghal dik is-sitwazzjoni."***

Is-socjetajiet konvenuti jikkontendu li dan il-fulkru effettivament ma sehhx fil-kaz in ezami peress li l-irham kien mizmum b'serratizzi mal-art u li l-periti waslu ghal din il-fehma peress li ma kinux edotti minn dan il-fatt. Jigi ribadit li skont David Falzon, l-irham kien qieghed iserrah fuq is-serrattizzi u mhux mizmum b'serratizzi, kif jargumentaw is-socjetajiet appellanti u li kieku tassew il-periti kienu qeghdin jaghtu opinjoni li kienet kontradetta mir-rizultanzi tal-provi, kien jispetta lilhom jitolbu lill-periti kjarifika ta' dan il-punt, waqt l-istess eskussjoni.

26. Kwindi ghalkemm il-periti addizzjonali jishqu li s-socjetajiet konvenuti agixxew ma' dak li huwa meqjus bhala l-prassi f'dan il-qasam tax-xoghol, minn din ix-xhieda, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienu tnejn l-elementi li wasslu ghall-incident in kwistjoni (1) in-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti li jadoperaw mizuri f'forma ta' *counterbalance* sabiex jilqghu ghall-fenomenu meta jinholoq *fulcrum* fuq in-naha ta' isfel, konsegwenza ta' *surface cohesion* tal-lastri stivati wicc illustrat ma' wicc illustrat u (2) li l-attur li kien qieghed icaqlaq il-lastri tal-irham ma kienx qieghed juza l-galbu mehtieg sabiex icaqlaq il-folji, altrimenti ma kienx jinholoq dan il-fenomenu tal-*fulcrum*. Din il-konkluzjoni twassal lil din il-Qorti ghall-

fehma li kien hemm negligenza da parti kemm tal-attur, kif ukoll da parti tas-socjetajiet konvenuti. Ghalhekk l-ewwel Qorti naqset meta qieset biss ir-rapporti peritali u ma analizzatx ukoll it-twegibiet tal-periti addizzjonali moghtija in eskussjoni sabiex tigi determinata r-responsabbilità ghall-incident in kwistjoni.

27. Inoltre, apparti l-obbligi rizultanti mill-Kodici Civili msemmija qabel, li jkun xieraq li l-eghmil ta' persuna jirrifletti l-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, huwa opportun li, ssir analizi tal-obbligi legali li l-partijiet rispettivi kellhom rizultanti mill-kariga rispettiva taghhom, nuqqas iehor fis-sentenza in ezami. Is-socjetajiet konvenuti appellanti jishqu li l-attur ma kienx impjegat taghhom, izda bniedem tal-esperjenza u li ghalhekk ma jistax jinghad li kienu negligenti ghaliex hallew l-attur wahdu. Izda tajjeb li jigi osservat li, ghalkemm l-attur kien *self-employed* u ma kienx impjegat mas-socjetajiet konvenuti, huwa xi kultant kien jigi nkarigat mis-socjetà konvenuta, sabiex iqieghed l-irham fuq kuntratti taghhom (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Anthony Camilleri, direttur mal-kumpannija Camray Marbles, kif ukoll ta' Raymond Camilleri quddiem il-perit tekniku, li jixhed ukoll li dakinhar tal-incident, l-attur kien qieghed jaghmel xoghol ghalihom, ghalkemm wara jghid li ma jiftakarx jekk dan kienx il-kaz ). Din ix-xhieda hija relevanti fil-kuntest tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta). Artikolu 6 tal-Att jistabilixxi li:

*"6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

***"Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:***

***"Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem."***

28. Hekk ukoll fil-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, li fit-tifsir taht regolament 2, *inter alia* jinghad:

"haddiem temporanju" tinkludi kwalunkwe haddiem taht kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss u, jew kull haddiem li ghandu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min ihaddem, inkluz:

"…

"(b) haddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min ihaddem li jkollu impriza ta' impjieg temporanju, u fejn il-haddiem ikun assenjat xoghol taht jew ghall-impriza u, jew stabbiliment li jaghmel uzu mis-servizzi tieghu;"

Minn qari ta' din it-tifsira, jitqies li, fil-kaz in ezami, l-attur kien jaqa' proprju f'din il-kategorija. Fi kwalunkwe kaz, ir-regolament numru 10 tal-istess L.S. 424.18 jipprovdi wkoll li:

*"10.(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom*

> *ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza:"*

Kwindi s-socjetajiet konvenuti li jiggestixxu l-impriza u kienu jilqghu fil-fabbrika taghhom lill-attur kemm bhala persuna li jmexxi n-negozju tieghu *proprio,* kif ukoll bhala sub-appaltatur jew haddiem temporanju taghhom, xorta kellhom obbligi legali fil-konfront tieghu bhala persuni li jmexxu dik l-impriza.

29. In kwantu ghad-dmirijiet u l-obbligi ta' min ihaddem l-Artikolu 6 tal-Kap. 424, fost affarijiet ohra, jipprovdi wkoll li:

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
>
> *"(a) li jiġi evitat riskju;*
>
> *"(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
>
> *"(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *"(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *"(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
>
> *"….*
>
> *"(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol."*

30. Hekk ukoll, ir-regolamenti 4 sa 6 tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003 (L.S 424.18), jidhlu f’aktar dettal dwar id-dmirijiet ta’ min ihaddem. Il-principji li jirregolaw ir-responsabbilità ta’ sid ta’ intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu ilhom ukoll ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Kif inghad mill-Prim’Awla fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Lulju, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Noel Mifsud v. Polyfoam Limited:**

> *“Fil-kawza “Calleja vs Fino”, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Ottubru, 1980, gie kwotat b`approvazzjoni li:*
>
> > *“It is the employer’s duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this”.*
>
> *“Fil-kawza “Borg vs Wells et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, kompla jizdied li: “In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work”.*

L-istess inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et:**

> *“Min ihaddem irid jassigura ruhu li joffri a safe working environment lill-impjegati tieghu…”*

31. Applikati dawn il-principji li jitnisslu kemm mil-ligi kif ukoll mill-gurisprudenza, huwa car li s-socjetajiet konvenuti naqsu milli josservaw diversi obbligi elenkati fil-ligi, fosthom li jigu identifikati, evalwati u kkontrollati r-riskji, kif ukoll li jittiehdu l-mizuri sabiex ir-riskji jigu mnaqqsa. Dan jinghad peress li mix-xhieda ta’ Raymond Camilleri, Direttur fi hdan

is-socjetajiet konvenuti, jirrizulta li meta mistoqsi dwar l-azzjoni mehuda fir-rigward is-sigurtà fuq ix-xoghol, huwa jghid li jigbdu l-attenzjoni lin-nies biex joqghodu attenti biex ma jweggghux biss, mill-bqija **ma kellhom l-ebda procedura**. Il-*Health and Safety* dahlu wara li sar l-incident, **qabel l-incident ma kinux saru *audits* mill-*Health and Safety,* u ma kienu talbu ebda konsulenza dwar *Health and Safety.*** Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti apparti r-risposti tal-periti addizzjonali, tirrizulta prova ohra tan-ness ta' kawzalità bejn l-event dannuz u l-agir tas-socjetajiet konvenuti, in kwantu dawn tal-ahhar, naqsu milli josservaw ukoll id-dmirijiet impost fuqhom bil-ligi. Ghalhekk l-attur appellat irnexxilu jipprova li s-socjetajiet konvenuti kienu mill-inqas parzjalment responsabbli ghall-akkadut kawza ta' negligenza, mprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' dmir impost fuqhom bil-ligi. Izda fin-nuqqas ta' prova dwar ir-responsabiltajiet u l-mansjonijiet rispettivi tas-socjetajiet konvenuti, kif inghad qabel, ma tistax tigi stabbilita l-kwota rispettiva ta' responsabbilità, kwindi jitqies li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta rriteniet li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli *in solidum* ghall-akkadut.

32. Il-fatt li d-diretturi tas-socjetajiet konvenuti gew liberati mill-akkuzi fil-proceduri kriminali, m'ghandux fih innifsu jitqies determinanti ghall-fini ta' din il-kawza. Skont il-gurisprudenza lokali, il-fatt li l-konvenut fil-kawza civili jinheles mill-akkuzi migjuba kontrih fi proceduri kriminali, mhix raguni tajba sabiex qorti civili tieqaf milli tqis it-talbiet attrici ghall-hlas tad-danni.

Iz-zewg procedimenti jimxu ghal rashom, u minbarra dan, kif inhuwa maghruf ukoll, il-grad ta' prova mistenni f'kawza civili huwa differenti minn dak mistenni f'kawza kriminali (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Eucaristico Zammit *v.* Eustrachio Petrococchino nomine et**, Appell Civili tal-25 ta' Frar 1952, Kollez. Vokl.XXXIV.I.319). Kemm hu hekk, filwaqt li fil-kaz kriminali l-grad tal-prova huwa dak tat-tnehhija ta' kull dubju ragonevoli, fil-kaz civili l-grad tal-prova huwa dak biss tal-probabbilità.

33. Filwaqt li s-*safe system of work*, timponi doveri fuq min ihaddem, hi kontro-bilancjata mill-uzu ta' attenzjoni u prudenza f'min jahdem. Kif drabi ohra osservat minn din il-Qorti: "*il-haddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Filwaqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura ta' xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza jew traskuragni fuq il-lant tax-xoghol. Kulhadd allura huwa mistenni illi f'dak li jezercita l-kura ragjonevoli ta' bonus pater familias*" (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Micallef et v. John Pisani et nomine**, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001).

34. L-Artikolu 7 tal-Kap. 424 jipprovdi wkoll fir-rigward tad-dmir tal-haddiem li:

> *"7. (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*
>
> *"(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

Kwindi min jahdem ukoll ghandu l-obbligu illi jahdem b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti, illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati. Kulhadd, inkluz il-haddiem, huwa mistenni illi dak li jaghmel jezercita l-kura ragjonevoli ta' *bonus pater familias*. F'ghajnejn il-Qorti m'hemmx dubju dwar in-negligenza kontributorja da parti tal-attur, in kwantu huwa mistenni li bniedem tal-esperjenza tieghu (erbghin sena jahdem f'dan il-mestier tal-irham) seta' agixxa b'aktar ghaqal u attenzjoni meta mar icaqlaq l-irham li kien stivat. Ghalhekk huwa ghandu jerfa' parti mir-responsabbilità. Tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-responsabbilità ghall-incident ghandha tinqasam 75% fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti u 25% fil-konfront tal-istess attur. Isegwi li, dan it-tielet aggravju tas-socjetajiet konvenuti appellanti jimmerita li jintlaqa', almenu parzjalment.

35. Ir-raba' aggravju jitratta l-komputazzjoni tad-danni, senjatament il-fatt li l-ewwel Qorti sahansitra akkordat bhala danni s-somma ta'

€523,037.07, li hija ferm aktar milli kien mitlub mill-attur appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (€148,597). Dan meta l-ewwel Qorti apparti li akkordat lill-attur il-*lucrum cessans* ezatt kif talab, akkordat ukoll bhala *damnum emergens* fl-ammont tas-self u dejn li kellu l-attur mal-Bank u ma' terzi, sabiex is-socjetajiet konvenuti appellanti gew ikkundannati jhallsu s-self u dejn tal-kredituri, apparti d-danni konsegwenza tad-disabilità. Jilmentaw li dan mhux sostnut legalment, fattwalment jew matematikament.

36. Tajjeb jigi pprecizat li ghalkemm l-attur appellat ma jinkludix id-djun li kellu bhala *damnum emergens* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa elenka dawn id-djun fl-affidavit tieghu fejn jipprezenta prospett li jinkludi dawn id-djun. In kwantu ghal-*lucrum cessans* is-socjetajiet konvenuti jsostnu li l-ewwel *multiplier* li jehtieg jigi aggustat huwa dak dwar ir-responsabbilità, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula taht l-aggravju precedenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-responsabbilità ghall-incident ghandha tinqasam fil-kwoti ta' 75% fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti u 25% fil-konfront tal-istess attur (mhux fil-kwoti ta' 5% - 95% kif jippretendu l-appellanti).

37. It-tieni *multiplier* li l-appellanti jsostnu li jehtieg li jigi aggustat huwa dak tal-età tal-attur. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjetajiet konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell taghhom, il-*multiplier* tal-età mhux

semplicement iz-zmien li jkun fadal ghall-età tal-irtirar mix-xoghol. Tant hu hekk li meta l-vittma tkun persuna rtirata, xorta jigi adoperat *multiplier.* Ghandu jittiehed qies tal-età tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur.

38. Hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-principji stabbiliti fir-rigward tal-*multiplier* fil-kawza ewlenija **Michael Butler v. Peter Christopher Heard** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 1967, (Kollez. Vol. LI.I.488) li tat origini ghall-hekk imsejha *multiplier system* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti. (Ara per ezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru ,1983, u **Emanuel Mizzi v. Carmel Attard** deciza fit-13 ta' Mejju, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2006). Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Huwa ritenut ukoll li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra, li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident. Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn

dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara sentenza **Mifsud v. Camilleri** citata qabel) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

39. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Hekk ukoll, kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood** fil-ktieb **Modern Tort Law** (ediz. 2009, pagna 438):

> *"Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*."

40. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Joseph Galea et v. Charles Fenech pro et noe et**, fejn fil-kaz ta' ragel ta' erbgha u sebghin (74) sena li kien, involut f'incident stradali u sofra dizabilita` ta' 5%, dik il-Qorti adottat *multiplier* ta' tmin (8) snin. Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti **Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et,** deciza fl-24 ta' Gunju, 2016, inghad ukoll illi:

> "*F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes*

> *of life u għalkemm huwa kellu aspettativa ta' ħajja lavorattiva ta' 30 sena, wieħed għandu jqies l-incertezza li toffri l-ħajja fir-rigward.* ***Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma għandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier għandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wieħed jadoperah bħal li kieku hemm xi certezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa kamp fejn għandha tregi l-moderazzjoni.*"** (enfasi ta' din il-Qorti).

Applikati dawn il-principji għall-kaz in ezami, din il-Qorti għalkemm hija ben konxja tal-fatt li l-ħajja lavorattiva qiegħda dejjem tizdied, u għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-*multiplier* ta' ħames (5) snin suggerit mill-appellanti, izda min-naħa l-oħra, meta tikkonsidra l-element tac-*chances and changes in life*, li minn dejjem gie kkonsidrat bħala parti integrali mill-komputazzjoni tal-ħsara, lanqas taqbel mal-ħmistax(15)-il sena adottat mill-ewwel Qorti hekk kif suggerit mill-attur appellat, konsidrat ix-xogħol ta' strapazz li kien jagħmel l-istess attur. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u li l-attur fl-2005 kellu 55 sena, din il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 11, bħala wieħed aktar adattat.

41. It-tielet element li jeħtieg li jigi ndirizzat li dwaru jilmentaw l-appellanti, huwa l-paga. Is-socjetajiet konvenuti appellanti jilmentaw li l-attur jipprova jzid il-paga b'mod artificjali meta jzid il-ħlas li kien jagħmel lill-Bank tas-self, mentri dan kien jigi maqtugħ mill-profitt meta l-istess attur kien jimla l-formola tat-taxxa. Kwindi jilmentaw li għal skopijiet tat-taxxa dan id-dħul kien jigi maqtugħ sabiex tigi ffrankata t-taxxa, mentri għall-iskop ta' din il-kawza, dan l-ammont jigi mizjud. Joggezzjonaw ukoll

li, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ordnat lill-konvenuti appellanti sabiex ihallsu wkoll il-kumplament tas-self u d-djun kummercjali li kellu l-attur.

42. Ghandu jinghad li, din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tas-socjetajiet konvenuti appellanti sa fejn jikkontestaw il-hlas li kien jaghmel l-attur appellat lill-bank mill-qliegh li kien ikollu. Tajjeb li jigi mfakkar li l-principju regolatorju fil-materja huwa dak ta' *restitutio in integrum,* cioè li kemm jista' jkun, l-attur appellat jigi ri-integrat fil-pozizzjoni li kien qabel ma sehh l-incident. Tajjeb li jigi sottolinjat li mill-qliegh li l-attur kien jaghmel min-negozju tieghu, kien jassigura mhux biss l-ghixien tieghu, izda li jhallas ukoll il-pagamenti li kien intrabat li jaghmel mal-bank. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-attur li mal-qliegh nett ghandu jizdied dak il-qliegh li kien imur sabiex jithallas il-Bank. Isegwi li fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa gust li mal-qliegh nett kalkulat fuq medja ta' tliet snin, jizdied ukoll il-hlas li sar lill-Bank ukoll fuq medja ta' tliet snin li kien jaghmel l-attur mill-istess qliegh percepit minnu. Dan iwassal ghall-medja ta' qliegh ta' Lm9450.80, ekwivalenti ghal €22,014.43, li qajla jista' jinghad li huwa figura esagerata u ghalhekk din il-Qorti ser izomm din l-istess figura ghall-fini tal-komputazzjoni tad-danni.

43. In kwantu ghar-raba' element, dak dwar ir-rata ta' dizabilità, f'dan il-kaz jirrizulta li l-perit mediku *ex parte* nkarigat mill-attur iffissa d-dizabilità tal-attur fl-ammont ta' 50%. L-ewwel perit mediku appuntat mill-

Qorti ffissa d-dizabilità tal-attur fl-ammont ta' 40%, filwaqt li l-periti addizzjonali stmaw ir-rata ta' dizabilità fil-persentagg ta' 45%. Din hi r-rata li giet adottata mill-ewwel Qorti u din il-Qorti tqis li din ir-rata ta' 45% hija ragonevoli, konsidrat ir-rapport tal-periti addizzjonali medici.

44. Fil-kaz tat-tnaqqis bhala *lump sum payment,* skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd**. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:

> "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolta l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**). Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2008, u konsidrat il-fatt li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz, wara tnax-il sena, din il-Qorti ma tqisx li ghandu jkun hemm tnaqqis bhala *lump sum payment.*

45. Ghalhekk ghall-fini li jigi komputat il-*lucrum cessans* din il-Qorti ser tadotta s-segwenti: Paga - €22,014.43; Dizabilità - 45%; Multiplier (11) -

hdax-il sena. Kwindi €22,014.43 x 11= €242,158.73 x 45% = €108,971.43. Tenut kont li s-socjetajiet konvenuti qeghdin jigi allokati 75% tar-responsabbilità, dan l-ammont irid jigi ridott bi 25%, li jwassal ghall-figura ta' €81,728.57.

46. Fir-rigward tad-*damnum emergens,* is-socjetajiet konvenuti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kkundannathom ihallsu d-djun tal-attur appellat, meta dan lanqas kien mitlub minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Huma jqisu li l-principju tar-*restitutio in integrum* jitlob li l-attur jitpogga fl-istess sitwazzjoni li kien qabel l-incident, riferibilment ghall-kapacità tieghu li jaghmel il-flus, li ghalkemm jikkoncedu li din giet ridotta konsegwenza tal-incident, ma jista' qatt ifisser li huma kellhom jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-attur. Wara kollox, isostnu li, l-attur appellat seta' jkompli n-negozju tramite l-impjegati tieghu sabiex jaghmel tajjeb ghad-djun li kellu u mhux izarma u jippretendi li haddiehor jaghmillu tajjeb ghad-djun li kien dahal ghalihom.

47. Ghandu jinghad li din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-ilment tas-socjetajiet konvenuti appellanti. L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk fir-rigward tad-*damnum emergens*:

> *"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, <u>hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali…"</u>*

Id-djun li kellu l-attur appellat huma indipendenti mill-incident li kellu u ma jistghux jitqiesu li huma spejjez li kellhom isiru minnu minhabba l-incident jew konsegwenza tal-istess incident u l-pagamenti li kienu jsiru lill-Bank mill-qliegh maghmul mill-attur, diga` gew komputati taht il-*lucrum cessans.* Dan jinghad ukoll fuq l-iskorta tas-sentenzi citati mis-socjetajiet konvenuti appellanti. (Ara sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Portelli et v. John Cutajar et** u dik tad-29 ta' Mejju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Rita Borg pro et noe. v. Anthony Borg.**) Dan apparti li ma jirrizultawx provi sodisfacenti in atti, rigward l-istess djun bhal rendikont aggornat. Jista' jkun li fil-mori tal-proceduri, l-istess attur ha mizuri ohra sabiex ihallas l-imsemmija djun (bhal bejgh tan-negozju jew bejgh tal-proprjetà). Kwindi din il-Qorti tilqa' wkoll din il-parti tar-raba' aggravju tas-socjetajiet konvenuti appellanti.

48. Imiss li jigi trattat il-hames aggravju tas-socjetajiet konvenuti appellanti, dak dwar il-komputazzjoni tal-interessi. Ladarba t-talba tal-azzjoni attrici hija *da liquidarsi*, il-principju adoperat ghandu jkun dak ta' *in illiquidis non fit mora,* jigifieri l-interessi jibdew jiddekorru mid-data li fiha tkun stabbilita s-somma dovuta, permezz ta' sentenza tal-Qorti. F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et,** peress li l-principji enuncjati fir-rigward, ghandhom japplikaw ukoll fil-kaz odjern:

> *"F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont inkwistjoni ma tantx kienet determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall*

> *iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet."*

Applikati l-istess principji ghal dan il-kaz, ladarba r-responsabbilità tas-socjetajiet konvenuti kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata, huwa ritenut li ghalkemm din il-Qorti ser tvarja l-ammont ta' danni likwidat, l-imghaxijiet f'dan il-kaz ukoll, ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, peress li l-ammont ta' danni la kien determinat u lanqas facilment determinabbli. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll jimmerita li jintlaqa'.

49. Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak dwar l-ispejjez. Fil-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili jinghad li f'kull sentenza definittiva, il-Qorti ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bhala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt difficli li jigi ddeterminat, jew ghal xi raguni tajba ohra, li ghandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-principju. Din il-Qorti, wara li kkonsidrat il-provi kollha mressqa mill-partijiet, l-ezercizzju estensiv mehtieg sabiex jigu determinati t-talbiet attrici fil-kuntest tal-eccezzjonijet mressqa mis-socjetajiet konvenuti u l-estent tat-talbiet attrici milqugha, tqis li jkun opportun li kull parti tbati l-ispejjez, skont ir-responsabbilità allokata lilha ghall-incident in kwistjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn spjegati, tiddisponi mill-appell tas-socjetajiet konvenuti appellanti, billi tilqa' l-ahhar erba' aggravji taghhom u ghalhekk tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li ssib lis-socjetajiet konvenuti solidalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni fil-grad ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%); tirriduci d-danni dovuti lill-attur fis-somma ta' wiehed u tmenin elf Ewro seba' mija tminja u ghoxrin, u sebgha u hamsin centezmu (€81,728.57), li ghandhom jithallsu mis-socjetajiet konvenuti *in solidum* bejniethom; b'dan illi l-imghax jiddekorri fuq dan l-ammont mid-data tal-ewwel sentenza.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur appellat u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-istess socjetajiet konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm